**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 4 ta' Lulju, 2024**

**Talba Nru: 337/2023MD**

**Vodafone Malta Limited Illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Michael Micallef (586174M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-18 ta' Settembru, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut iħallas is-somma ta' elf, seba' mija, u ħmistax-il Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżimu (€1,715.44) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11014565 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenut; bl-ispejjeż u l-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi, u lanqas ma deher għas-seduti tat-30 ta' Mejju, 2024[2], u tal-10 ta' Ġunju, 2024[3].

---

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol 18 tal-proċess.
[3] A fol 20 tal-proċess.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2024[4] u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi għalih għas-seduta tal-10 ta' Ġunju, 2024[5].

Ra x-xhieda tal-PL Petra Licari li kkonfermat li l-ammont ta' elf, seba' mija, u ħmistax-il Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżimu (€1,715.44) għadu dovut u ilu dovut mil-1 ta' Jannar, 2022[6].

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mill-fattura annessa mal-istess avviż li jindika l-bilanċ dovut għal-servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont numru 1.11014565 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenut, kif ukoll mill-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, u mix-xhieda tal-PL Petra Licari in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenut iħallas is-somma ta' elf, seba' mija, u ħmistax-il Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżimu (€1,715.44) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11014565 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenut, bl-imgħax dekorribbli mil-1 ta' Jannar, 2022[7] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[4] *A fol* 19 tal-proċess.
[5] *A fol* 20 tal-proċess.
[6] *A fol* 20 tal-proċess, xhieda datata 10 ta' Ġunju, 2024.
[7] Data skont il-fatturi annessi mat-talba, *a fol* 4 *et seq* tal-proċess u mix-xhieda tal-PL Petra Licari, *a fol* 20 tal-proċess.